MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 820/2001/1

**Roderick Galdes u John Farrugia fil-kwalita' taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv rispettivament ghan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Qormi**

**vs**

**Victor Camilleri u Paul Spiteri bhala Editur u Publikatur rispettivament tal-gazzetta "Il-Mument" u Jean Pierre Debono u b'digriet tal-5 ta' Dicembru, 2001 il-kliem Victor Camilleri u Paul Spiteri bhala Editur u Publikatur rispettivament jigu sostitwiti bil-kliem Joseph sive Joe Micallef bhala Editur**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Settembru, 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-Kunsill Lokali Qormi dik is-somma li tigi likwidata

li ma teccedix il-hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) prevja d-dikjarazzjoni li l-artikolu intitolat "Il-Kunsill Lokali Qormi jaghti x-xoghol qabel tinghazel l-offerta" miktub mill-konvenut Jean Pierre Debono u ppubblikat fil-harga ta' "Il-Mument" tat-2 ta' Settembru, 2001 huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-Kunsill Lokali Qormi billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. Preliminarjament illi l-konvenut Paul Spiteri mhux azzjonabbli taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm ghaliex hu mhux il-'Publikatur' tal-gazzetta "Il-Mument" u kemm ghaliex il-"Publikatur" ta' gazzetta mhux azzjonabbli skond l-Art.23 tal-Kap 248 la qabel l-emenda tal-1996 (Att X tal-1996) u anqas wara u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Preliminarjament ukoll, illi l-konvenut Victor Camilleri ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kienx l-editur tal-harga in kwistjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-kontenut tal-artikolu mhux libelluz billi jammonta ghal *'fair comment'* dwar fatti sostanzjalment korretti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti taghti l-gudizzju taghha dwar il-meritu, trid tiddisponi minn kwistjoni ta' natura legali mqajjma mill-

abbli avukat tal-konvenuti fit-trattazzjoni tieghu u cioe', sa fejn Kunsill Lokali bhala entita' amministrattiva u astratta tista' tigi libellata jew malafamata.

F'din il-kawza l-atturi mhumiex qeghdin jagixxu fil-kwalita' taghhom personali izda ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Qormi fejn inghad illi bil-harga ta' "Il-Mument" tat-2 ta' Settembru, 2001 il-Kunsill Lokali Qormi gie libellat u malafamat. Id-domanda li tohrog minn din is-sitwazzjoni hija jekk Kunsill Lokali jew korp amministrattiv ghandux fama u unur.

Ikkunsidrat:

Illi biex issolvi din il-kwistjoni l-Qorti l-ewwel trid tara d-definizzjoni tal-kelma persuna kif maghmula fit-tieni artikolu tal-Kap 248. Dan l-Artikolu jghid *"persuna tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita' guridika distinta sew jekk le",* ghalhekk skond din id-definizzjoni hu eskluz l-istat u ente governattivi.

F' din il-kawza l-atturi qeghdin f'azzjoni diretta biex jipprotegu l-gvern lokali u jistahbew wara l-velu tad-difiza tal-fama u l-isem tajjeb ta' kull individwu. Hawnhekk il-Qorti ghandha l-konfort ta' decizzjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr J Brincat et. F'dik il-kawza l-Qorti kienet qalet li l-Pulizija ma tistax tagixxi *"ex officcio"* ghan-nom u l-interess ta' l-istat sabiex tharrek lil xi persuna, biex twiegeb ghal akkuzi ta' malafama u ghamlet referenza ghall-Artikolu 41 (2) (ii) tal-Kostituzzjoni, u cioe' *"sabiex jigu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra….."* u l-Artikolu 10 (2) fl-ewwel skeda fil-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Umani li *"….ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor…" u* mhux ghad-dritt ipotetiku tas-socjeta'/gvern/stat ghan-nom ta' individwi offizi.

Il-Qorti kompliet tghid *"……l-espressjoni tal-prijorita' tal-protezzjoni ta' l-interess hu dritt privat li jispetta biss lil dawk il-persuni privati in kwantu tali huma protetti. Tali*

*protezzjoni hija skalata superjorament, mill-kostituzzjoni u l-konvenzjoni".*

Hija l-opinjoni ta' din il-Qorti illi Gvern lokali m'ghandhux l-istess protezzjoni illi ghandha persuna privata u huma dawn ta' l-ahhar illi huma protetti, dejjem fil-kuntest tad-definizzjoni tal-kelma persuna fl-Artikolu 2 tal-Kap 248. F'din il-kawza, l-atturi qeghdin jagixxu biex jipprotegu dritt ipotetiku ta' Gvern lokali. Biex issir analogija, hija daqstant iehor inammissibbli azzjoni simili mehuda mill-Prim Ministru sabiex jipprotegi drittijiet ipotetici tal-Gvern jew fl-istat. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din l-azzjoni kif intavolata in rapprezentanza ta' Kunsill Lokali hija inammessibbli fl-ordinament guridiku taghna.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi fil-kwalita' taghhom premessa. Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------